

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 18.7.2005
COM(2005)317 finali

2005/0131CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar it-titjib fil-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, partikolarment mal-fruntieri interni u li temenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim Schengen

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Il-proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-titjib fil-kooperazzjoni mal-fruntieri interni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea hi msemmija fil-Programm Leġislattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni (CLWP) għall-2005, ref. IRMS 2004/JLS/036 minħabba li din diġà kienet issemmiet fis-CLWP għall-2004.

Fil-Programm ta' the Hague ta' l-4 ta' Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq 'il quddiem proposti biex jiżviluppaw iżjed l-acquis ta' Schengen fir-rigward tal-koopererazjoni trans-konfinali ta' operazzjoni tal-pulizija, u fid-Dikjarazzjoni tiegħu dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tad-29 ta' Marzu 2004, hu ta struzzjonijiet lill-Kunsill, biex fost affarijiet oħra, jeżamina miżuri fil-qasam ta' "segwiment li jaqsam il-fruntiera" u sejjaħ għal żvilupp akbar fil-qafas leġislattiv.

- **Kuntest ġenerali**

It-Trattat ta' Amsterdam għamel l-istabbiliment progressiv fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja bħala għan ġdid ta' l-Unjoni.

Il-moviment ħieles ta' persuni fi ħdan dak il-qasam għandu bżonn azzjoni biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fis-sigurtà li jseħħu minħabba t-tneħħija ta' kontrolli tal-fruntieri, billi l-perpetraturi ta' l-atti kriminali jistgħu jimxu bl-istess mod ħieles bħaċ-ċittadini li jobdu l-liġi. L-impunità ikkawżata mill-ostakoli għall-kooperazzjoni trid titneħħa.

Fir-reġjuni tal-fruntiera l-impatt tal-koeżistenza soda tal-ġurisdizzjonijiet differenti tinħass l-aktar fix-xogħol ta' kuljum tal-pulizija. Il-bżonn għal mekkaniżmi xierqa ta' kooperazzjoni hu għalhekk aktar qawwi f'dawk ir-reġjuni, jiġifieri, il-bżonn li jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà li jeċċedu dawk eżistenti xi mkien ieħor fl-Unjoni. Għalkemm kull reġjun huwa uniku, fir-rigward tad-demografija, il-ġeografija u l-prosperità, is-similaritajiet fil-kooperazzjoni jeħtieġu permess biex jiġi żviluppat qafas komuni biex jiffaċjaw l-ostakoli għall-kooperazzjoni, il-koordinament ta' l-attivitajiet u l-iskambju ta' l-informazzjoni. Jekk dan il-qafas komuni ma jaħdimx, il-prattiki u r-regoli differenti għall-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti b'implikazzjonijiet trans-konfinali se jtellfu l-infurzar tal-liġi u jwasslu għal tagħwiġ fis-sigurtà.

Biex jilħqu dawn l-isfidi, u fl-assenza ta' qafas ġenerali, l-Istati Membri ikkonkludew ftehim bilaterali bejniethom. Il-Konvenzjoni Schengen tillimita ruħha għall-ġeneralitajiet, waqt li tħalli d-dettalji għall-Istati Membri. Madanakollu, is-sitwazzjoni li rriżultat, l-esperjenza miksuba u t-talbiet li saru fil-livell ta' l-UE, jeħtieġu li jilleġislaw il-prinċipji komuni bażiċi, li jtejbu l-mekkaniżmi eżistenti u li jipprovdu għall-istrutturi għal aktar żvilupp.

Fost l-istrutturi li ħarġu, xi wħud kienu effiċjenti immens, bħaċ-ċentri ta' kooperazzjoni permanenti li jpoġġu lil min hu interessat fl-infurzar tal-liġi lokali fiż-żewġ naħat tal-fruntiera taħt saqaf wieħed.

- **Disposizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Tampere ta' l-1999 ipprovdew għad-dettalji dwar tisħiħ normattiv, u fuq livell inqas, dwar dak ta' operazzjoni fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja li kienu introdotti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri t-Trattat ta' Amsterdam ta' l-1997.

Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna ta' l-1998[1], li jibqa' validu taħt it-Trattat ta' Amsterdam, sejjaħ għal estensjoni fil-kooperazzjoni trans-konfinali, bħall-istabbiliment ta' strutturi ta' kooperazzjoni permanenti fil-forma ta' Stazzjonjiet Konġunti tal-Pulizija u Ċentri ta' Kooperazzjoni tad-Dwana fil-fruntieri interni.

Il-Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990 li kienet inkorporata fil-qafas ta' l-UE bit-Trattat ta' Amsterdam, tipprovdi għall-abbolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri filwaqt li fl-isess ħin issaħħaħ il-miżuri ta' kontroll mal-fruntieri esterni. Biex jagħmlu tajjeb għall-iżbilanċ fis-sigurtà ikkawżati minħabba l-abolizzazzjoni tal-kontrolli mal-fruntieri ġew introdotti mekkaniżmi ġodda biex jippermettu u jippromovu l-kooperazzjoni tal-pulizija.

Fil-Programm ta' The Hague tal-5 ta' Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummisjsoni biex tressaq xi proposti għal aktar żvilupp ta' l-acquis ta' Schengen fir-rigward tal-kooperazzjoni trans-konfinali ta' operazzjoni tal-pulizija.

- **Konsistenza ma' politiki u ma' għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Din id-Deċiżjoni hi konsistenti mal-politiki għall-istabbiliment progressiv tal-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja.

2) IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMA TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

L-ebda konsultazzjoni speċifika ma kienet neċessarja. Il-konklużjonijiet li t-tali konsultazzjonijiet setgħu ipprovdew jeżistu fil-kuntest ta' l-attivitajiet li seħħew qabel u li għadhom sejrin fil-livell ta' l-UE (riċerka, gruppi tal-Kunsill u fora Ewropej oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni tal-pulizija). B'mod konsistenti huma qisu l-kwistjonijiet li huma trattati fid-Deċiżjoni bħala bżonnijiet strutturali tal-qafas trans-konfinali. Is-sorsi l-aktar importanti li kienu wżati huma (1) il-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar it-titjib fil-kooperazzjoni tal-puliżija u tad-Dwana fl-Unjoni Ewropea (COM(2004)376 finali) tat-18 05 2004, f'liema kuntest il-Kummissjoni kkonsultat l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri, u kienet ibbażata a) fuq riċerka estensiva, u b) fuq ir-riżultati tal-proċess tal-Valutazzjoni ta' Schengen tul is-snin 2000-2004 ; (2) il-Katalogu ta' rakkomandazzjonijiet għall-applikazzjoni korretta ta' l-acquis ta' Schengen u l-aħħjar prattiki: il-parti dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija (dok 9788/01/03 SCH-EVAL 40 COMIX 328 rev 1 tas-16 ta' Ġunju 2003), li kien fiha rakkomandazzjonijiet konkreti mill-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi għal titjib fil-qasam kopert mill-proposta kurrenti; (3) l-esodu tad-diskuzzjonijiet tal-Kapijiet tat-Task Force tal-Pulizija Ewropej dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-puliżija fl-oqsma tal-fruntieri komuni; (4) il-konklużjonijiet tas-seminar "Pulizija mingħajr fruntieri", li sar fl-Olanda f'Marzu 2004.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza**

Mhux applikabbli.

---

[1] ĠU C 19 tat-23.1.1999, p. 1.

- **L-istima ta' l-impatt**

Fir-rigward ta' l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, għandu jkun enfasizzat li l-għan dirett tad-Deċiżjoni hu li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 2 u 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li jgħidu li kulħadd għandu dritt għall-ħajja u għall-integrità fiżika; hi tagħmel dan billi tippromovi kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi trans-konfini filwaqt li tirrispetta t-tradizzjonijiet legali u s-sistemi differenti ta' l-Istati Membri kif ukoll drittijiet fundamentali u prinċipji oħra rikonoxxuti mill-Karta. Barra minn hekk, l-ipproċessar tad-data hu protett b'mod konformi ma' l-Artikolu 8 tal-Karta.

3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsira ta' l-azzjoni proposta**

Id-Deċiżjoni tipprovdi għal qafas trasparenti, komuni li fi ħdanu titwettaq u tista' tiżviluppa aktar l-kooperazzjoni tal-pulizija trans-konfinali, speċjalment fil-fruntieri komuni. Għal dan il-għan, id-Deċiżjoni tfassal regoli ġenerali biex tippromovi kooperazzjoni strateġika u ta' operazzjoni bejn l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi, u b'hekk taħdem biex tissodisfa il-mandat ta' l-Artikolu 29 TEU, jiġifieri biex tipprovdi liċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea b'livell għoli ta' sigurtà. B'mod aktar speċifiku, dan l-għan jintlaħaq billi (a) tisaħħaħ u titjieb l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-kwistjonijiet kollha dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi; (b) tittieħed azzjoni konġunta fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet strateġiċi u li għadhom iseħħu fuq bażi permanenti; (c) tittieħed azzjoni konġunta fit-twettieq ta' l-attivitajiet ta' operazzjoni, (d) jiġu estiżi l-kapaċitajiet eżistenti trans-konfinali u (e) jiġu provduti strutturi ta' sorveljar u ta' kooperazzjoni biex jitjieb l-iżvilupp futur. Din id-Deċiżjoni ma taffetwax l-abolizzjoni ta' l-iċċekjar tal-fruntieri interni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

- **Bażi legali**

Il-bażi legali ghall-proposta hi pprovduta mill-Artikoli 30(1)(a), (b), (c), 32 u 34 (2)(c) TUE. Taħt l-Artikolu 5(1) tal-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, il-proposti u l-inizjattivi biex jibnu fuq l-acquis ta' Schengen huma suġġetti għad-disposizzjonijiet relevanti tat-Trattati.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika billi l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva ta' l-Unjoni Ewropea.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux ikunu milħuqa b'mod suffiċjenti minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

L-għan tal-proposta hu li jfisser f'qafas trasparenti l-prinċipji komuni għall-koperazzjoni ta' l-infurzar tal-liġi li japplikaw fil-firxa ta' l-Unjoni. Dan għandu jippromovi l-infurzar tal-liġi f'livell għoli ekwivalenti, u jevita distorzjonijiet minħabba diskrepanzi detrimentali għas-sigurtà taċ-ċittadini. Dan l-għan jista' -bħala fatt- ma jinkisibx mill-Istati Membri li jaġixxu waħidhom. Barra minn dan l-emenda tal-Konvenzjoni ta' Schengen akwistata bid-Deċiżjoni tista' ma tinkisibx mill-Istati Membri li jaġixxu waħidhom.

L-Istat Membru jista' ma jimmaniġjax is-sigurtà tiegħu fl-iżolazzjoni, minħabba il-permeabilità tal-fruntieri, imma wkoll minħabba l-interdipendenza tal-komunitajiet tagħhom ta' l-infurzar tal-liġi. Ir-responsabilità konġunta li tirriżulta għas-sigurtà ta' l-Unjoni, li nħolqot bħala qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, b'mod ġenerali u għas-sigurtà ta' xulxin b'mod partikolari teħtieġ strumenti bħad-Deċiżjoni kurrenti. Il-proposta tiġbor il-forom u l-fatturi differenti li nħolqu minħabba d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Schengen taħt

qafas wieħed trasparenti. Jekk dan il-prattika ta' nfurzar tal-liġi tonqos f'partijiet differenti ta' l-Unjoni, u ma' dan, il-livell tas-sigurtà taċ-ċittadini, hemm ir-riskju li jiżviluppa f'manjiera irregolari.

Azzjoni fuq il-livell ta' l-Unjoni għandha tikseb b'mod aħjar l-oġġettivi tal-proposta minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

Din id-Deċiżjoni tfassal "regoli ġenerali li jippromovu kooperazzjoni strateġika u ta' operazzjoni" bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri, u żżid "il-livell tas-sigurtà taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea". Id-Deċiżjoni tirriżulta f'qafas trasparenti li jkabbar l-iżvilupp futur, il-prinċipji u l-parattiki komuni ta' kooperazzjoni trans-konfini li ħarġu fil-kors ta' l-aħħar għaxar snin fil-kuntest ta' Schengen u fl-aħħar ħames snin fil-kuntest ta' l-operazzjoni tal-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. Il-kunċett tal-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja fl-Artikolu 61 TKE u 29 TUE jeħtieġ politika komuni fi, inter alia, kooperazzjoni ta' sigurtà trans-konfini minħabba l-interdipendenza ta' l-attivitajiet ta' l-infurzar tal-liġi nazzjonali. Il-proposta tfittex li tikseb bilanċ bejn il-konsilidazzjoni tal-prattika, il-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni, u l-iżvilupp konġunt tal-prattika ta' operazzjoni. F'dan ir-rigward, ir-responsabiltajiet sovrani ta' l-Istati Membri huma rispettati, per eżempju l-għażla tal-mezzi u d-deċiżjoni ta' l-istrateġiji ta' l-infurzar tal-liġi, filwaqt li jipprovdu toroq komuni għall-kooperazzjoni jekk ikunu meqjusa neċessarji.

Valutazzjoni kwalitattivi ta' kooperazzjoni ta' nfurzar tal-liġi trans-konfinali hija l-qofol tal-proċess tal-Valutazzjoni ta' Schengen. F'dak il-kuntest, il-kunsens jeżisti fir-rigward tal-prinċipji komuni mifthema hu meħtieġ biex jintlaħaq livell għoli ekwivalenti tas-sigurtà permezz tal-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, sabiex jiġu evitati tibdiliet fil-mude lli tal-kriminalità u effetti kollaterali negattivi għas-sigurtà nazzjonali. Fl-istess ħin, l-Istati Membri kollha jaqblu li r-rispett għall-prinċipji komuni għandu jħalli marġini suffiċjenti għall-Istati Membri biex jiddeċiedu b'mod awtonomu sakemm huma għandhom jieħdu sehem fil-kooperazzjoni trans-konfini u jħaluha għar-realtà ta' l-operazzjoni li jkun hemm bżonn. Biex jinkiseb dak il-bilanċ imma wkoll biex titjieb il-kwalità ta' u l-kapaċitajiet għall-koperazzjoni, l-esperjenza miksuba fuq l-aħħar għaxar snin hi inkluża fid-Deċiżjoni kurrenti. Id-Deċiżjoni tpoġġi lura l-iżvilupp fi strutturi komuni ta' koperazzjoni u b'dan hi tappoġġja il-frott ta' l-aħjar prattika u ta' titjib kontinwu. Il-programmi mmexxija mill-proġett sponsorjati mill-Kummissjoni (AGIS), jew ir-rivediment tas-sħab organizzat taħt l-aegis tal-Kunsill, juri l-bżonn għat-tali prinċipji u prattiki komuni.

Il-proposta ġġib trasparenza fl-iżviluppi tul l-aħħar għaxar snin, tipprovdi għall-infrastrutturi biex jitjiebu l-kooperazzjoni, il-koordinament u l-iskambju ta' informazzjoni, u tħalli l-Istati Membri jiddeċiedu b'mod awtonomu sakemm huma għandhom jieħdu sehem fil-kooperazzjoni trans-konfinali, li hi magħmula għall-bżonnijiet tar-realtà ta' l-operazzjoni li jkun hemm bżonn. Hi tassigura, madankollu li jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' kooperazzjoni, huma jagħmlu dan fuq bażi ta' standards komuni. Hi tipprovdi ukoll għall-mekkaniżmi li jissorvelaw u jirrevedu biex jaġġustaw l-evoluzzjoni trasparenti tal-proċessi u tal-permess. Hemm bżonn li l-emendi ta' l-Artikoli 40 u 41 tal-Konvenzjoni ta' Schengen isiru fuq livell ta' l-UE.

Il-proposta għalhekk hi konformi mal-prinċipju tas-sussidarjetà:

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Din il-proposta hi konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

Il-proposta tipprovdi għall-prinċipji u għall-istrutturi komuni għall-kooperazzjoni, u tħalli l-aspetti ta' operazzjoni għad-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri. Il-proposta ma ttellifx mir-responsabilità nazzjonali li tipprovdi s-sigurtà liċ-ċittadini, u lanqas mill-kompetenza biex

torganizza l-infurzar tal-liġi b'mod li jkun meqjus xieraq biex isiru mal-prattika nazzjonali. Fl-istess ħin, il-proposta tevita li l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà juri differenzi li huma detrimentali għall-bżonnijiet tas-sigurtà tas-soċjetà, jew għall-operazzjoni fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. Għal dik ir-raġuni, huwa suffiċjenti u biżżejjed biex jitfasslu standards komuni minimi fir-rigward tal-preżenza tal-kapaċitajiet suffiċjenti ta' l-infurzar tal-liġi fir-reġjuni tal-fruntieri biex jindirizzaw il-kriminalità b'manjiera ekwivalenti.

Spejjeż addizzjonali, li huma stmati għal 202.500 Euro fis-sena, għandhom jirriżultaw fil-kuntest tal-Kumitat Regolatarju, stabbilit taħt din id-Deċiżjoni. Il-ħaddiema ekonomiċi jew iċ-ċittadini , għalkemm benefiċarji tal-kooperazzjoni li tiġi permezz ta' dan l-istrument, mhumiex konċernati bl-operazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

L-istrument magħżul hu Deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 34(2) (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

Li wieħed iżomm lura milli jilleġiżla ma jilħaqx l-ambizzjonijiet espressi fil-programm ta' The Hague. Minbarra dan hi tonqos milli turi l-elementi komuni ta' operazzjoni li jaqgħu taħt l-istrumenti diversi ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali. Leġislazzjoni li jkollha regoli aktar iebsin u aktar dettaljati tinjora d-differenzi li jeżistu fil-fruntieri f'termini ta' demografija, ġeografija u idjosinkasi organizazzjonali.

Alternattivi regolatorji (li joffru sussidju għall-proġetti ta' l-infurzar tal-liġi multilaterali, għall-manwali, għall-katalgi ta' l-aħjar prattiki, għar-rivediment tas-sħab) diġà jeżistu, imma wrew li mhumiex suffiċjenti biex jipprovdu l-kwadru għall-prinċipji koperattivi komuni. It-titjib ta' kooperazzjoni trans-konfini li ġġib id-Deċiżjoni huma mitluba mill-programm ta' the Hague.

4) L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-BAĠIT

Ammont totali stmat ta' 202.500 Euro fis-sena għandu jkun imdaħħal fil-baġit ta' l-UE għar-riżorsi umani u nfiq amministrattiv, fil-kuntest tal-laqgħat tal-Kumitat Regolatorju stabbilit b'din id-Deċiżjoni, li tfassal il-ħidmiet tal-Kumitat. Fil-bidu ta' l-attivitajiet tiegħu, sakemm il-proposti li jinsabu fid-Deċiżjoni ma jibdew jitħaddmu, il-Kumitat se jkollu jiltaqa' aktar ta' spiss u se jkollu bżonn appoġġ amministrattiv aktar intensiv biex isib soluzzjonijiet, per eżempju, fil-kuntest tat-tfassil ta' ftehim ta' mudelli, il-ħolqien ta' strutturi komuni u ta' aspetti ta' valutazzjoni. Il-Kumitat Regolatorju għandu jiltaqa' regolarment, stmat darbtejn fis-sena, biex jiddiskuti x'ippjanar u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġi implimentat l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar kooperazzjoni mtejba tal-pulizija u tad-dwana. Dawn il-laqgħat għandhom ikunu organizzati u ospitati mill-Kummissjoni.

5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **L-Abrogazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti**

L-addozzjoni tal-proposta se twassal għall-abbrogazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

L-Artikolu 1 jiddiskrivi l-oġġett u l-iskop, jiġifieri li jiżdied il-livell tas-sigurtà taċ-ċittadini permezz tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni strateġika u ta' operazzjoni bejn il-pulizija u s-servizzi tad-dwana, b'mod partikolari fil-fruntieri interni taż-Żona ta' Schengen. Hu jipprovdi għall-istruttura ġenerali tal-miżuri fir-rigward ta' kooperazzjoni mtejba:

L-Artikolu 2 jiddefinixxi t-terminoloġija ewlenija.

L-Artikolu 3 jibni fuq l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Diċembru 1998 u tat-28 ta' April 1999 li jipprovdi għal lista mhux eżawrjenti ta' oqsma li fihom għandu jitjieb l-iskambju ta' l-informazzjoni.

L-Artikolu 4 (koordinazzjoni) iniżżel l-attivitajiet ta' l-infurzar tal-liġi partikolari fir-reġjuni tal-fruniera li għandhom ikunu suġġetti għall-koordinazzjoni u l-kondizzjonijiet għat-tħaffif tal-funzjoni ta' koordinazzjoni. Hu jittratta wkoll dwar l-użu ta' tagħmir li mhux kompatibbli, li kien identifikat bħala ostaklu ewlieni għall-kooperazzjoni trans-konfinali.

L-Artikolu 5 iniżżel tekniki ta' koopereazzjoni operazzjonali, bħalma huma l-assenjament ta' ħidmiet fdati lill-uffiċjali tal-kollegamenti jew lill-uffiċjali ta' Stati Membri oħra. Il-miżuri deskritti se jgħinu biex isir użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli.

L-Artikolu 6 jinvolvi obbligazzjoni biex jiġu stabbiliti strutturi ta' kooperazzjoni permanenti fir-reġjuni tal-fruntieri.

L-Artikolu 7 jipprovdi għall-protezzjoni tad-data billi japplika l-istandards tat-Titolu VI tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

L-Artikolu 8 jipprovdi għal valutazzjoni regolari tas-sħab u jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti rapporti ta' valutazzjoni lill-Kunsill.

L-Artikolu 9 jiddefinixxi r-relazzjoni tal-proposta għal ftehim bilaterali jew għal trattati.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi Kumitat Regolatorju magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppreseduti mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 11 jemenda l-Artikolu 40 paragrafi (1), (2) u (7) (osservazzjonijiet) u jwessa' l-iskop u jneħħi l-limitazzjonijiet għall-fruntieri ta' l-art kif prevvisti fl-Artikolu 41 (segwiment) tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

L-Artikolu 12 iniżżel l-Acquis ta' Schengen li għandu jkun imħassar fid-dawl tal-proposta.

L-Artikolu 13 jistabbilixxi l-perijodi għall-applikazzjoni tal-proposta.

2005/0131(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar it-titjib fil-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment mal-fruntieri interni u li temenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim Schengen

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1)(a), (b), (c), l-Artikolu 32 u l-Artikolu 34(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3],

Billi:

(1) L-Artikolu 29 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea jgħid li l-objettiv ta' l-Unjoni hu li jipprovdi ċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja billi jiżviluppa azzjoni komuni fost l-Istati Membri fl-oqsma tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma kriminali.

(2) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Vjenna tal-11 ta' Dicembru 1998[4] jinkoraġixxi kooperazzjoni mill-qrib ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji, tal-pulizija, tad-dwana u awtoritajiet rilevanti oħra fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, organizzata jew mod ieħor, u titlob għad-determinazzjoni tal-kondizzjonjiet u l-limitazzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti tal-pulizija u tad-dwana fi Stat Membru wieħed jistgħu jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, b'kollegament u bi ftehim ma' dan ta' l-aħħar.

(3) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 f'Tampere jaffermaw il-bżonn li tiżdied il-kooperazzjoni kontra l-kriminalità billi jiksbu benefiċċju massimu mill-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri meta jinvestigaw kriminalità trans-konfinali fi kwalunkwe Stat Membru u jsejħu għal timijiet konġunti ta' investigazzjoni kif provdut fid-Deċiżjoni Ta' Qafas tal-Kunsill 2002/465/JHA[5].

(4) Il-Konvenzjoni ta' l-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizazzjonijet gradwali ta' l-iċċekjar fil-fruntieri komuni[6] (minn hawn 'il quddiem riferruta bħala "l-Konvenzjoni ta' Schengen"), u integrat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea skond il-Protokoll anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, introduċiet forom ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija ta' l-Istati Membri bħala waħda mill-miżuri biex jikkumpensaw għat-tneħħija ta' l-iċċekjar fil-fruntieri komuni ta' l-Istati Membri ta'

---

2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C 19, 23.1.1999, punti 42 u 44(b).
5 ĠU L 162, 20.6.2002, p.1.
6 ĠU L 239, 22.9.2000, p.19.

Schengen. Il-Konvenzjoni ta' Schengen daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Marzu 1995, minn meta l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija u tad-dwana ta' l-Isati Membri żdiedet b'mod sinifikanti.

(5) L-Istati Membri kkonkludew numru kbir ta' ftehim bilaterali u ta' arranġamenti għall-bżonnijiet ta' kooperazzjoni speċifika fir-reġjuni tal-fruntieri. Fl-assenza ta' metodu ta' l-Unjoni, jista' jkun hemm differenzi fil-livell tas-sigurtà tul il-fruntieri komuni, kif jistgħu ikunu konklużi mir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Ministri fuq il-bażi tar-rapporti tal-Kumitat Permanenti dwar l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

(6) Fil-Komunikazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar it-titjib fil-kooperazzjoni tal-pulizja u tad-dwana fl-Unjoni Ewropea[7], il-Kummissjoni tenfasizza l-bżonn li l-istrumenti, il-miżuri ta' operazzjoni u l-isforzi li l-Istati Membri jużaw fil-fruntieri interni tagħhom biex jibdlu l-Unjoni Ewropea f'żona ġenwina ta' libertà, sigurtà u gustizzja jiżdiedu b'mod sinifikanti.

(7) Il-Programm addottat mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħat tiegħu ta' l-4 u tal-5 ta' Novembru 2004 f'the Hague, jistieden lill-Kummisjsoni biex tippreżenta proposti biex l-acquis ta' Schengen jiġi żviluppat aktar fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-pulizija ta' operazzjoni trans-konfini. Il-Programmi jagħrfu li l-livell ottimu ta' protezzjoni fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja jeħtieġ azzjoni miftehma u multidixxiplinarja kemm fuq livell ta' l-Unjoni u fuq livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi, speċjalment il-pulizija, tad-dwana u l-gwardjani tal-fruntieri.

(8) Huwa għalhekk neċessarju li titjieb il-kooperazzjoni tal-pulizija speċjalment fil-fruntieri interni ta' l-Unjoni Ewropea b'mezzi multilaterali biex ikun hemm skambju aħjar ta' informazzjoni, u koordinazzjoni aħjar u kooperazzjoni operazzjonali. Din id-Deċiżjoni għandha taħdem għall-istandardizazzjoni, għas-simplifikazzjoni u għall-aċċelerazzjoni tal-proċeduri, tenfasizza l-aspetti ta' operazzjoni bbażati fuq konsiderazzjonijiet strateġiċi komuni, u ttejjeb l-effettività u l-effiċjenza ta' l-iżvilupp tar-riżorsi umani u materjali.

(9) Skambju komprensiv ta' informazzjoni ġie identifikat b'mod unanimu bhala rekwiżit fundamentali biex jassigura l-effettività tal-kooperazzjoni ta' l-infurzar tal-liġi. Għall-iskop ta' applikazzjoni koerenti ta' l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni ta' Schengen huwa neċessarju li jiġi determinat liema tipi ta' informazzjoni jistgħu jiġu skambjati bejn l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi ta' l-Istati Membri biex ma jħallux u biex jiskopru offiżi kriminali, mingħajr ma jkollhom jagħmlu jew jgħaddu t-talba permezz ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji.

(10) Kooperazzjoni effiċjenti tista' tinkiseb biss permezz ta' koordinazzjoni komprensiva. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet tal-pulizija u d-dwana fir-reġjuni tal-fruntieri permezz ta' mezzi bħalma huma ppjanar komuni ta' operazzjoni u tar-riżorsi, konsultazzjoni permanenti reċiproka u mekkaniżmu ta' informazzjoni u, jekk ikun hemm bżonn, taħriġ konġunt u eżerċizzi ta' sitwazzjoni speċjali (jiġifieri il-ħtif ta' persuni, il-ħtif ta' nies bħala ostaġġi, jew demostrazzjonijiet).

---

[7] COM(2004) 376 finali tat-18.5.2004.

(11) Forom ta' kooperazzjoni operazzjonali għandhom jiġu stabbiliti sabiex tiżdied id-disponibbilità konġunta tar-riżorsi, u l-effiċjenza ta' l-użu tagħhom, u l-effettività tal-ġestjoni ta' ħidmiet ta' rutina kif ukoll ta' sitwazzjonjiet speċjali.

(12) Strutturi permanenti għall-iskambju ta' informazzjoni għandhom jiġu stabbiliti biex jippromovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, u biex jissorveljaw il-proċessi ta' bażi.

(13) Il-proċedura regolatorja pprovduta fl-Artikolu 10 ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun segwita fir-rigward ta' miżuri ta' skop ġenerali maħsuba biex japplikaw id-disposizzjonijet ta' l-Artikolu 3 bħal per eżempju l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi u formats standard għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni.

(14) Id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen dwar is-sorveljanza trans-konfini u s-segwiment trans-konfini għandu jiġi emendat bil-ħsieb li tiżdied l-effettività u s-suċċess ta' l-investigazzjonjiet kriminali u ta' l-operazzjonijiet billi jawtorizzaw sorveljanza trans-konfini u segwiment trans-konfini fil-każ ta' investigazzjonijiet kriminali f'offiża kriminali għal liema r-radd lura jew l-estradizzjoni hi possibbli Barra minn hekk, segwiment trans-konfinali m'għandux ikun biss fuq fruntieri fuq l-art.

(15) Billi l-objettivi ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri titjib fil-kooperazzjoni ta' operazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet tad-dwana, speċjalment fil-fruntieri interni, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, meta tqis in-natura trans-konfini ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, u għalhekk jistgħu minħabba l-interdipendenza ta' l-Istati Membri, jinkisbu aħjar fuq livell ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jista' jaddotta miżuri, b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat KE u riferrut fl-Artikolu 2 tat-Trattat UE. B'mod konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat KE, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju, sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(16) Ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, minbarra għall-Artikolu 11 punt 2 ta' din id-Deċiżjoni, b'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 8(2) tad-Deciżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l–Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen.

(17) L-Irlanda qed tieħu sehem f'din id-Deciżjoni, minbarra għall-Artikolu 11 punti 1 u 2 ta' din id-Deċiżjoni, b'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fl-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattament li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deciżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen.

(18) Din id-Deċiżjoni hi mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għar-Renju Unit u l-parteċipazzjoni parzjali ta' l-Irlanda fl-*acquis* ta' Schenegn, kif definita fid-Deċiżjoni 2000/365/KE u 2002/192/KE, rispettivament.

(19) Fir-rigward ta' l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċizjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis Schengen, li jaqgħu fil-qasam riferut fl-Artikolu 1, punt H tad-Deċiżjoni

tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċertu arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim[8].

(20) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, mill-Komunità Ewropea u mill-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis Schengen li jaqgħu fil-qasam riferrut fl-Artikolu 1, punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċertu arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim li nqara flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849/KE[9] fl-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċertu dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim.

(21) Din id-Deċiżjoni tikkonsisti minn att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew b'mod ieħor relatat miegħu fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, minbarra għall-Artikolu 11 ta' din id-Deċiżjoni li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(22) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali, u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Is-Suġġett

1. Din id-Deċiżjoni tfassal regoli ġenerali biex tippromovi kooperazzjoni strateġika u ta' operazzjoni bejn l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni kif definuti fl-Artikolu 2, b'mod partikolari fil-fruntieri interni, u biex iżżid il-livell tas-sigurtà taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, billi:

   (a) issaħħaħ u ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni;

   (b) tieħu azzjoni konġunta fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet strateġiċi u ta' operazzjoni fuq bażi permanenti;

   (c) tieħu azzjoni konġunta fit-twettieq ta' attivitajiet ta' operazzjoni.

2. L-Istati Membri li jaqsmu fruntiera komuni għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntieri sabiex:

   (a) ma jħallux, jinnotaw u jinvestigaw kull tip ta' offiża li toriġina fi jew li għandha impatt partikolari fuq il-livell tas-sigurtà tar-regjuni tal-fruntieri;

   (b) ma jħallux isir it-theddid għall-ordni pubblika u għas-sigurtà interna, u jindirizzaw id-disturbi għall-ordni pubblika;

   (c) jippromovu s-sigurtà trans-konfini tat-traffiku fit-triq, fuq l-ilma, bil-ferrovija u bl-arju taħt ir-responsabiltà ta' l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni;

   (d) jgħinu lil xulxin biex ma jħallux, u jikkumbattu offiżi kriminali li joħolqu jew li hemm probabiltà li joħolqu emerġenzi, diżgrazzji kbar jew aċċidenti serji;

---

[8] ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p.31.
[9] ĠU L 368 tal-15.12.2004, p. 26.

(e) jiżviluppaw u jżommu livell għoli ta' għerf ta' l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni u s-sistemi legali u amministrattivi rispettivi tagħhom;

(f) jtejbu l-kapaċitajiet ta' l-uffiċjali ta' l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni, inklużi t-taħriġ ta' lingwa, fir-rigward ta' l-għerf espert meħtieġ għall-kooperazjoni f'reġjun tal-fruntieri speċifiku li mhux jew mhux provdut b'mod suffiċjenti fil-kurrikulum ġenerali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL).

3. Din id-Deċiżjoni ma taffetwax l-abolizzjoni ta' l-iċċekjar tal-fruntieri interni kif stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi tal-Komunità dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għall-oħra tal-fruntieri[10].

Artikolu 2
Definizjonijiet

Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni:

a) "Fruntieri Interni" għandu jkollha t-tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Schengen[11].

b) "Reġjuni tal-fruntiera" tfisser żona li għandha tkun definita hekk mill-Istati Membri, imma li f' kwalunkwe każ tinkludi t-territorju kollu ta' Stat Membru b'distanza massima mill-fruntiera ta' 50 kilometri.

c) "Awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni" ifissru l-pulizija, id-dwana u l-awtoritajiet l-oħra li joperaw taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, minbarra l-awtoritajiet ġudizzjali.

Artikolu 3
Skambju ta' informazzjoni

1. Għall-iskop li jiġi applikat l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, għandha tingħata assistenza u għandha tkun trasmessa informazzjoni fuq talba mill-awtoritajiet tal-pulizija ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tas-sidien tal-vetturi u tax-xufiera, inklużi l-vapuri u l-inġenji ta' l-ajru;

(b) (mistoqsijiet dwar il-liċenzji tas-sewqan, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-vapuri u ma' l-inġenji ta' l-ajru;

(c) it-tfittix ta' l-inħawi u tar-residenza;

(d) l-identifikazzjoni ta' l-abbonati tat-telekommunikazzjonijet (telefon, faks u internet);

(e) il-ksib ta' informazzjoni mill-persuni konċernati mill-pulizija fuq bażi volontarja;

(f) l-identifikazzjoni ta' persuni;

---

10 ĠU L […], […], p. […].

11 [PM: jista' jkollu jiġi rivedut fil-kuntest ta' l-addozzjoni tar-Regolament li jinsab fil-Komunikazzjoni COM(2004)391finali dwar ir-regoli tal-moviment tal-persuni minn naħa għall-oħra tal-fruntieri]

(g) it-trasmissjoni ta' intelliġenza kriminali minn databases jew minn fajls ikkontrollati mill-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni suġġetti għall-osservanza tad-disposizzjonijiet relevanti li jirregolaw il-protezzjoni tad-data;

(h) il-preparazzjonijiet ta' pjanijiet u ta' koordinazzjoni tal-miżuri ta' riċerka u l-bidu ta' tfittix ta' emerġenza ;

(i) l-ittraċċar ta' l-oriġini ta' l-oġġetti, b'mod partikolari armi u vetturi, per eżempju, bl-ittraċċar tal-kanali tal-bejgħ;

(j) l-eżami ta' evidenza, per eżempju, ħsara lill-vettura minn inċidenti tat-tip li tintlaqat u tibqa' sejjer, u tħassir f'dokumenti;

(k) l-eżami tad-dokumenti nazzjonali uffiċjali;

(l) l-organizzazzjoni ta' azzjonijiet ta' operazzjoni li jinvolvu sorveljanzi u segwiment trans-konfini, tqassim ikkontrollat u operazzjonijiet moħbija;

(m) gruppi kriminali lokali jew individwi u l-modus operandi tagħhom.

2. L-informazzjoni riferruta f'paragrafu 1 tista' tiġi transmessa wkoll fuq l-inizjattiva proprja tas-servizz li jipprovdi lil kwalunkwe awtorità konċernata li hi koperta b'din id-Deċiżjoni.

3. Kwalunkwe regoli dettaljati oħra neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, li għandhom x'jaqsmu mad-definizzjoni ta' informazzjoni li tista' issir disponibbli, il-modilitajiet għall-aċċess u l-kanali ta' l-iskambju għandhom jiġu addottati b'mod konformi mal-proċedura regolatorja riferruta fl-Artikolu 10.

Artikolu 4
Koordinazzjoni strutturali

1. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi ta' l-awtoritajiet ġudizzjali, l-Istati Membri għandhom jikkordinaw attivitajiet trans-konfini ta' l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri.

Din l-koordinazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari:

(a) il-preparazzjoni, l-armonizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ippjanar ta' operazzjoni u ta' attivitajiet, eż. operazzjonijiet ta' sorveljanza, riċerki, u miżuri li ma jħallux l-offiżi jseħħu, inkluż il-ġestjoni ta' demostrazzjonijiet pubbliċi u l-iskedar tar-riżorsi rispettivi;

(b) l-eżami tal-kompatibilità u l-interoperabilità tat-tagħmir, b'mod partikolari t-teknoloġija tal-kommunikazzjoni u tas-sorveljanza;

(c) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' taħriġ konġunt, inklużi eżerċizzji komuni għal sitwazzjonijiet speċjali. Azzjoni f'dan il-qasam tista' tikkonsisti minn żjarat tax-xogħol, programm ta' skambju, proġetti ta' skola pilota, inkluż taħriġ fil-lingwa, u l-iżvilupp ta' moduli komuni ta' l-edukazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni f'reġjun speċifiku tal-fruntieri.

2. Biex tiġi megħjuna l-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri, l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari:

(a) jżommu lil dawk l-awtoritijiet u lill-istrutturi ta' kooperazzjoni permanenti msemmija fl-Artikolu 6(1) informati fuq l-inizjattiva propja u b'mod opportun, bl-iskedi tax-xogħol, bl-operazzjonijiet u bl-azzjonijiet intenzjonati, inkluż

sorveljanza, bl-operazzjonijiet moħbija u bit-tqassim ikkontrollat, u bl-avvenimenti futuri li jista' jkollhom impatt fuq dawk l-awtoritajiet fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera;

(b) ifasslu rapporti dwar is-sitwazzjoni u dwar l-istima ta' riskji komuni;

(c) jżommu lil dawk l-awtoritajiet fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera infurmati bl-iżviluppi amministrattivi u organizzazzjonali li jista' jkollhom impatt fuq l-eżekuzzjoni ta' dawk l-awtoritajiet;

(d) jagħmlu l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-istrutturi ta' kooperazzjoni permanenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 6(1) ta' din id-Deċiżjoni;

(e) jaqsmu l-informazzjoni rilevanti kollha ta' operazzjoni ma' dawk l-awtoritajiet u ma' l-istrutturi ta' kooperazzjoni permanenti msemmija fl-Artikolu 6(1), b'mod partikolari billi jaġġornaw il-Manwal dwar il-kooperazzjoni trans-konfini tal-pulizija addottat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Diċembru 1998[12].

Artikolu 5
Kooperazzjoni operazzjonali

Il-kooperazzjoni operazzjonali għandha, b'mod partikolari, tikkonsisti minn:

(a) tmexxija ta' rondi konġunti, kif ukoll minn operazzjonijiet ta' intervenzjoni konġunta u ta' sorveljanza fir-reġjuni tal-fruntieri biex jilħqu l-oġġettiv u l-iskop ta' l-Artikolu 1, waqt li hu miftħum li dawk il-patrolli huma mwettqa b'mod konformi ma' l-Artikolu 19 a) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi tal-Komunità dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri[13];

(b) provvista ta' assistenza fl-istabbiliment ta' timijiet ta' investigazzjoni konġunta fir-reġjuni tal-fruntieri stabbiliti b'mod konformi mad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/465/JHA[14];

(c) l-għoti ta' ħidmiet tal-pulizija lill-uffiċjali tal-kollegamenti jew lill-uffiċjali ta' l-Istat Membru l-ieħor sakemm dawn il-ħidmiet ma jinkludux l-applikazzjoni ta' miżuri koersivi.

Artikolu 6
Skambju ta' informazzjoni u strutturi ta' koordinazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' kooperazzjoni permanenti bejn l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni f'kull reġjun tal-fruntieri fil-fruntieri interni.

2. L-istrutturi ta' kooperazzjoni riferuti f'paragarfu 1 għandhom jgħinu u jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4 u 5.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kunsill bix-xogħol u bil-kompetenzi ta' l-istrutturi tal-kooperazzjoni permanenti stabbiliti skond dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tiġbor din l-informazzjoni f'daqqa f'rapport fuq

---

12 ĠU L 239, tat-22.9.2000, p. 408.
13 ĠU L […], […], p. […].
14 ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1.

bażi regolari. Il-Manwal riferut fl-Artikolu 4(2)(e) għandu jkun aġġornat jekk ikun hemm bżonn b'mod konformi mal-proċedura maħsuba għal dak l-effett.

Artikolu 7
Protezzjoni tad-Data

Kull skambju ta' informazzjoni li jsir skond din id-Deċiżjoni għandu jkun suġġett għall-osservanza tad-disposizzjonijet legali relevanti dwar il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tad-data kif imfassal fit-Titolu VI tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

Artikolu 8
Il-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjonijiet bilaterali fir-reġjuni tal-fruntieri f'perijodi regolari biex jassesjaw il-livell ta' kooperazzjoni milħuq, sabiex jaraw jekk hemmx bżonn ta' bidliet u fejn tista' tiġi mtejba l-kooperazzjoni fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jinfuraw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-valutazzjonijiet.

2. Fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet riferuti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard minn tliet snin wara li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, jissottometti rapport lill-Kunsill dwar l-operazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kunsill għandu jagħti stima tal-livell sa fejn l-Istati Membri mxew ma' din id-Deciżjoni u jieħu l-miżuri addattati.

Artikolu 9
Ftehim bilaterali dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni

Din id-Deciżjoni m'għandhiex iżżomm ftehim preżenti jew futur aktar dettaljat li hu konsistenti ma' din id-Deċiżjoni bejn l-Istati Membri bi fruntiera komuni dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet koperti b'din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jinfuraw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bit-tali ftehim.

Artikolu 10
Kumitat

1. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat, magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Il-Kumitat għandu jaddotta r-regoli tal-proċeduri tiegħu ibbażati fuq ir-regoli standard tal-proċeduri għall-kumitati tal-komitoloġija.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumittat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fi żmien limitat li jista' jiġi stipolat mill-president skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tkun mogħtija mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fil-każ ta' deċiżjonijiet li fihom il-Kunsill hu mitlub li jaddotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rapreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom jintiżnu bil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

4. Il-Kummissjoni għandha taddotta l-miżuri maħsuba jekk dawn huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

5. Jekk il-miżuri maħsuba mhumiex b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew fejn l-ebda opinjoni m'hi mogħtija, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tissottometti lill-Kunsill proposta relatata mal-miżuri li għandhom jittieħdu u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew b'dan.

6. Il-Kunsill jista' jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-proposta, fi żmien xahrejn tad-data ta' riferenza lill-Kunsill.

Fejn f'dak il-perjodu, il-Kunsill indika b'maġġoranza kwalifikata li hu jopponi l-proposta, il-Kummissjoni għandha teżaminaha mill-ġdid. Hi tista' tissottometti proposta emendata lill-Kunsill, terġa' tissottometti l-proposta tagħha jew tippreżenta proposta leġislattiva.

Jekk wara li jiskadi dak il-perijodu l-Kunsill la jkun addotta l-att implimentattiv propost u lanqas indika l-oppożizzjoni tiegħu għall-proposta għall-implimentazzjoni tal-miżuri, l-att implimentattiv propost għandu jiġi addottat mill-Kummissjoni

7. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri huma nominati mill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Kull Stat Membru għandu jinnomina rappreżentant wieħed.

Artikolu 11
Emendi għall-Konvenzjoni ta' Schengen

Il-Konvenzjoni ta' Schengen hi emendata kif gej:

1. L-Artikolu 40 hu emendat kif gej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel sottoparagrafu hu mibdul b'li ġej:

"L-uffiċjali ta' Stat Membru wieħed li qed iżommu persuna taħt sorveljanza fil-pajjiż tagħhom bħala parti mill-investigazzjoni kriminali f'reat kriminali li għalih hemm possibilità ta' sentenza ta' ħabs jew ta' ordni ta' ditenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar, minħabba li hu suspettat b'involviment fit-tali reat jew, minħabba l-bżonn ta' investigazzjoni kriminali, minħabba li hemm raġuni serja biex wieħed jaħseb li hu jista' jgħin fl-identifikazzjoni jew fl-ittraċċar tat-tali persuna, għandhom ikunu awtorizzati biex ikomplu s-sorveljanza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor fejn dan ta' l-aħħar awtorizza sorveljanza trans-konfini fi tweġiba għal talba għall-għajnuna magħmula bil-quddiem b'raġunijiet għal dan. Jistgħu jiġu annessi kondizzjonijiet ma' l-awtorizazzjoni."

(b) F'paragrafu 2, l-ewwel sottoparagrafu hu mibdul b'li ġej:

"Fejn għal raġunijiet partikolarment importanti, ma tistax tintalab awtorizzazzjoni bil-quddiem mill-Istat Membru l-ieħor, l-uffiċjali li qed iwettqu s-sorveljanza għandhom ikunu awtorizzati biex ikomplu lil hinn mill-fruntieri s-sorveljanza ta' persuna maħsuba li tkun għamlet reat kriminali li għalih hemm il-possibiltà ta' sentenza ta' ħabs jew ta' ordni ta' ditenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar, basta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin."

(c) Paragrafu 7 hu mħassar.

2. L-Artikolu 41 hu emendat kif gej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel sottoparagrafu hu mibdul b'li gej:

"Uffiċjali ta' Stat Membru wieħed li qed isegwu persuna fil-pajjiż tagħhom li nqabdet fl-att tat-twettiq jew tal-parteċipazzjoni f'reat kriminali li għalih hemm il-possibilità ta' sentenza ta' ħabs jew ta' ordni ta' ditenzjoni ta' mill-inqas 12-il xahar, għandhom ikunu awtorizzati biex ikompli s-segwiment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr l-awtorizazzjoni minn qabel ta' dan ta' l-aħħar fejn, minħabba l-urġenza partikolari tas-sitwazzjoni, ma huwiex possibli li tinnotifika l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru l-ieħor b'wieħed mill-mezzi maħsuba fl-Artikolu 44 tal-Konvenzjoni ta' Schengen qabel id-dħul f'dak it-territorju jew fejn dawn l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jilħqu x-xena fil-ħin biex ikomplu s-segwiment."

(b) Paragrafu 4 u paragrafu 5(b) huma mħassrin.

Artikolu 12
Disposizzjonijiet finali

Taqsima 1 tal-prinċipji li jirregolaw il-kooperazzjoni tal-pulizija fil-privenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali kif stabbiliti fin-nota tal-Presidenza dok. SCH/I (98) 75 rev 5 tat-28 ta' April 1999, approvati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-28 ta' April 1999 dwar it-titjib fil-kooperazzjoni tal-pulizija fil-privenzjoni u l-iskoperta ta' reati kriminali (SCH/Com-ex (99)18) hi mħassra.

Artikolu 13
Data tad-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

LEGISLATIVE FINANCIAL STATEMENT

Policy area(s): Justice and Home Affairs
Activit(y/ies): 1806 – Establishing a genuine area in criminal and civil matters

TITLE OF ACTION: PROPOSAL FOR A COUNCIL DECISION ON THE IMPROVEMENT OF POLICE COOPERATION AT THE INTERNAL BORDERS OF THE MEMBER STATES OF THE EUROPEAN UNION

1. BUDGET LINE(S) + HEADING(S)

NA

2. OVERALL FIGURES

2.1. Total allocation for action (Part B): € million for commitment

NA

2.2. Period of application:

NA (starting 2006)

2.3. Overall multiannual estimate of expenditure:

(a) Schedule of commitment appropriations/payment appropriations (financial intervention) *(see point 6.1.1)*

€ million (*to three decimal places)*

	[2006]	[2007]	[2008]	[2009]	[2010]	[2011]	Total
Commitments							
Payments							

(b) Technical and administrative assistance and support expenditure *(see point 6.1.2)*

Commitments							
Payments							

Subtotal a+b							
Commitments							
Payments							

(c) Overall financial impact of human resources and other administrative expenditure *(see points 7.2 and 7.3)*

Commitments/ payments	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202

TOTAL a+b+c							
Commitments							
Payments							

2.4. Compatibility with financial programming and financial perspective

NA

2.5. Financial impact on revenue:

Proposal has no financial implications

3. BUDGET CHARACTERISTICS

Type of expenditure		**New**	**EFTA contribution**	**Contributions form applicant countries**	**Heading in financial perspective**
Non-comp	Non-diff	NA	NA	NA	**No** NA

4. LEGAL BASIS

Article 30(1)(a), (b) and (c) Article 32 and 34 (2)(c)TEU

5. DESCRIPTION AND GROUNDS

5.1. Need for Community intervention

5.1.1. Objectives pursued

The objective is to set up a comitology procedure for the improvement of police and customs cooperation at the internal borders of the Member States. Article 12 of the proposal stipulates that the Commission should be assisted by a Regulatory Committee composed of the representatives of the Member States and chaired by the representative of the Commission.

The preparation of a proposal for a Council Decision on improvement of police and customs cooperation at the internal borders between Member States of the European Union is mentioned in the Commission Legislative and Working Programme 2004 And 2005.

In its Declaration on combating terrorism of 25 March 2004, the European Council instructs the Council, among other things, to examine measures in the area of "cross-border hot pursuit" and calls for further development of the legislative framework.

5.1.2. Measures taken in connection with ex ante *evaluation*

The Regulatory Committee will have to fulfil its tasks on the basis of the Council Decision on the improvement of police cooperation at the internal borders and on the basis of the input provided by the Member States. At the beginning of its activities, until such time as the proposals contained in the Decision have become operational, the Committee will have to meet more frequently and will need more intensive administrative support to find solutions, for example, in the context of the drafting of model agreements, creation of common structures and evaluation aspects.

5.2. Action envisaged and budget intervention arrangements

The Regulatory Committee should meet regularly, estimated twice a year, to discuss what planning and measures need to be taken in order to implement Article 3 of the Council Decision on improved police and customs cooperation. These meetings will have to be organised and hosted by the Commission

5.3. Methods of implementation

The Commission will have to invite the representatives of the Member states

6. FINANCIAL IMPACT

6.1. Total financial impact on Part B - (over the entire programming period)

6.1.1. Financial intervention

NA

6.1.2. Technical and administrative assistance, support expenditure and IT expenditure (commitment appropriations)

NA

6.2. Calculation of costs by measure envisaged in Part B (over the entire programming period)

NA

7. IMPACT ON STAFF AND ADMINISTRATIVE EXPENDITURE

The impact on staff and administrative expenditure will be covered in the context of allocation of ressouces of the lead DG in the context of the annual allocation procedure.

The allocation of posts also depends on the attribution of functions and resources in the context of the financial perspectives 2007-2013.

7.1. Impact on human resources

Types of post		Staff to be assigned to management of the action using existing and/or additional resources		Total	Description of tasks deriving from the action
		Number of permanent posts	Number of temporary posts		
Officials or temporary staff	A B C	1 B/0.5 A		1rst year: 1B 0.5 A	Gathering and processing of information, preparing the Committee meetings
Other human resources					
Total					

7.2. Overall financial impact of human resources

Type of human resources	Amount (€)	Method of calculation *

Officials Temporary staff	1rst year: 162 000	1 X 108 000 0.5 X 108 000 = 162 .00
Other human resources (specify budget line)		
Total	162.000	

The amounts are total expenditure for twelve months.

7.3. Other administrative expenditure deriving from the action

Budget line (number and heading)	Amount €	Method of calculation
Overall allocation (Title A7) A0701 – Missions A07030 – Meetings A07031 – Compulsory committees A07032 – Non-compulsory committees A07040 – Conferences A0705 – Studies and consultations Other expenditure (specify)	40.000	2 meetings* 27 * 740€
Information systems (A-5001/A-4300)		
Other expenditure - Part A (specify)		
Total	40.000	

The amounts are total expenditure for twelve months.

Specify the type of committee and the group to which it belongs.

I.	Annual total (7.2 + 7.3)	€202 500
II.	Duration of action	
III.	Total cost of action (I x II)	

8. FOLLOW-UP AND EVALUATION

8.1. Follow-up arrangements

The Committee will lay down its rules of procedure, including rules on confidentiality. The European Parliament will be informed analogous to Article 7 of Council Decision 99/468/EC of 28.6.1999 laying down the procedures for the exercise of implementing powers conferred on the Commission (OJ L 184, 17.7.1999, p. 23).

8.2. Arrangements and schedule for the planned evaluation

NA

9. ANTI-FRAUD MEASURES

NA.